MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 347/2013

Il-Pulizija
vs
**Joseph Balzan**

iben Philip, imwieled Pieta' fit-3 ta' Awwissu, 1967, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 333867(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Balzan, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli meta b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru 1- istess disposizzjoni tal- ligi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Awwissu 2011, Settembru 2011, Ottubru 2011, Novembru 2011 u Dicembru 2011 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b' kuntratt naqas li jaghti lil Jacqueline Balzan u/jew lill-ulied is-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih

skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Lulju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338 (z) u 18 tal- Kodici Kriminali u l-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati u ghaldaqstant ikkundannatu ghal tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Balzan tas-16 ta' Lulju, 2013 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tibdel, tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata, billi tibdel u tirriforma u timmodifika l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha mill-bqija.

Rat l-aggravju tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-esponenti ghal piena li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha hawn fuq deskritti tal-imputat u stante li l-piena ta' prigunerija tista' tkun ta' detriment ghall-impjieg tal-appellant kif ukoll ghal sahhtu.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tal-1 ta' Ottubru, 2013 fejn iddikjara li hu tal-fehma li tali piena kienet, fic-cirkostanzi, wahda idoneja u dan partikolarment meta wiehed jiehu in kosiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat appellant fejn, fost affarijiet ohra, hemm diversi sentenzi ta' sejbien ta' htija fil-konfront ta' l-istess imputat appellant ghaliex naqas li jaghti l-manteniment lil Jacqueline Balzan u/jew lill-ulied.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-udjenza tat-23 ta’ Ottubru, 2013 l-imputat appellant hallas seduta stante l-flus kollha dovuti lil martu Jacqueline Balzan.

Illi l-aggravju ta’ l-imputat appellant hu li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz l-piena erogat mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-ammisjoni bikrija.

Illi meta wiehed ihares lejn il-fedina penali aggornata ta’ l-imputat appellant jinduna li l-imputat appellant mhux l-ewwel darba li naqas li jhallas il-manteniment lil martu.

Illi l-fatt li l-imputat appellant hallas dak kollu dovut lil martu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena f’dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirrevokha u thassarha f’dik il-parti relativa ghal piena fejn l-appellant gie ikkundannat ghal piena ta’ tlett xhur prigunerija u minflok tilliberah taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------